MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 541/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Rat li r-risposta tal-konvenut fejn iddikjara li ghalkemm hemm proceduri pendenti biex jigu varjati klawsoli fil-kuntratt tas-separazzjoni, ma ressaqx oggezzjonijiet ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Mejju 1999, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fit-22 ta’ Lulju 2010;

Illi ghalkemm hemm pendenti kawza bejn il-partijiet ghall-varjazzjoni tal-manteniment kif stabbilit fil-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, l-partijiet qeghdin isegwu it-termini tal-kuntratt;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------